Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TNEJN U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 24 ta' Novembru 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**KULHADD KIEN PEZENTI U FIL-HIN.**
**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Norbert Pace, Sindku**
Prezenti ghall-Laqgha kien hawn is-Sur Samuel Herd, Segretarju Ezekuttiv u l-President tal-Kumitat tar-Regjun Centrali Dr. Malcolm Mifsud. Dr. Mifsud introduca lilhu nnifsud u spjega li din hija wahda minn serje tal-laqghat mal-Kunsilli Lokali u l-iskop hu li kemm jista' jkun ma jsir xejn minghajr ma ssir konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali. L-ewwel progett li ha jimbarka fuqu l-Kumitat Kongunt hu s-sistema ta' LES. Kif jaf kulhadd qal hu il-Kumitati Kongunti ha jigu xolti u ha tinbidel is-sistema. Hu qal li l-Kunsill Lokali mhux ha johrog flus imma lanqas ha jiehu. Is-sistema li ha tithaddem hi bbazati fuq il-fatt li l-flus ha jingabru mill-Kumitat Regjonali u jekk ikun hemm surplus dawn jitqassmu bhalha finanzjament fuq progetti ghall-komunita'.

Is-Sur Marko Spiteri qal li lilhu tbezzghu il-kelma surplus....kif jaf kulhadd is-sistema ta' l-LES tiffinanzja ruhha wahidha bil-kumpanija tal-Gwardjani Lokali taghti c-citazzjonijiet li minnhom jergghu jithallsu l-istess Gwardjani. Hu qal li jibza' jghid din imma ma jridx li l-Kunsill ihaddem din is-sistema biex igawdi haddiehor.

Dr. Mifsud qal li huma ha jaghmlu dak kollu li jistghu biex tithaddem sistema sewwa u b'konsultazzjoni mal-Kunsilli. U qal li kull Gwardjan li jibda gdid se jkun ma' iehor fuq ix-xoghol ghal tlett xhur. Qal ukoll li se jkun hemm call centre ghall-ilmenti fuq Gwardjani Lokali

Is-Sur Cassar saqsa jekk is-sistema tal-infurzar hux ha tibqa' l-istess. Dott. Mifsud qal li ha jkun hemm 13-il Green Warden u H'Attard zgur ha jkollu wiehed. Is-Sur Stefan Cotdina saqsa jekk hux ha jkunu iktar edukati? Is-Sur Cassar qal li idejalment Gwardjan Lokali jrid ikun ukoll persuna li teduka jew per ezempju persuna li tghin lit-tfal jaqsmu.

Is-Sur Cordina qal li f'sitwazzjoni idejali gwardjan bl-arroganza kollha flok spjega bil-mod infexx jghajjat, l-iehor ma' tiehx tort l-istess u spicca billi faqqalu xebgha citazzjonijiet. Is-Sur Cordina u s-Sur Pace komplew isaqsu xi mistoqsijiet fuq l-uniformijiet, jekk hux ha jwaqqfek qabel ma jaghtik citazzjoni. Dr. Mifsud irrisponda fuq petizzjonijiet u fuq il-fatt li hemm sena mid-data tat-Tribunal biex wiehed jappella l-Bord tal-Petizzjonijiet.

Dr. Mifsud qal li t-tender taghlaq fil-21 ta' Jannar 2011. Hu qal li jekk kollox jimxi sew is-sistema tibda tahdem fl-ahhar ta' Marzu.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Gew approvati l-Minuti tal-laqghat Nri: 49(31.08.10), 49 Kontinwazzjoni (28.09.10), 50(16.09.10) u 51(27.10.10). Ma saret l-ebda korrezzjoni.

Saret biss korrezzjoni fuq il-mozzjoni emenda f'Min Nru. 51(27.10.10), pagna 2, item 3 kien hemm miktub 4 favur u 3 kontra u riedet tinqara 4 favur u 2 kontra. Is-Sur Zammit xtaq kjarifika fuq il-kwistjoni li nqalghet ta' xoghol minn haddiema tal-Kunsill fuq id-djar privati ta' membri tal-Kunsill minhabba dizgwid li nqala bejn is-Sur Zammit u s-Sur Pace. Is-Sindku kjarifika dak lilu mistoqsi u l-kwistjoni inghalqet.

2. **KORRISPONDENZA**

🗁 E-mail minghand is-Sur Bonnici rigward PA4487/10. Saret oggezzjoni minn xi membri tal-Kunsill i.e. is-Sur Cassar u s-Sur Spiteri.

🗁 E-mail minghand is-Sur Roger Clark u s-Sur Victor Farrugia. Is-Sur Cordina qal li t-triq giet irrangata fejn kien hemm xi nuqqasijiet bazikament fi tlett ibnadi zghar u suppost giet tajjeb dejjem jghid hu wara li din tigi certifikata mill-Perit. Qal ukoll li fuq il-kwistjonijiet pendenti ha jigu diskussi mar-residenti wara li dawn kollha jiltaqaghu flimkien u minn hemm il-Kunsill jara.

🗁 ittra minghand Jasper de Trafford rigward progett ta' mapep. Is-Sur Spiteri ppropona li jinhatar il-Kumitat Wirt Storiku li jittratta l-Heritage Trail, it-Train Embankment u l-progett tal-mapep ta' Jasper de Trafford.

🗁 E-mail minghand is-Sur Cassar fuq il-fondi tal-MEUSAC u l-laqgha li kellu.

🗁 Ittra minghand is-Sur Frans Borg, Chairperson, Premju Nazzjonali Haddiem tas-Sena 2011.

3. **APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET TAX-XAHAR U QUARTERLY REPORTS**

Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni l-hlasijiet ghax xahar t'Ottubru flimkien mar-rapporti ghall-kwarti tas-sena Marzu 2010, Gunju 2010 u Settembru 2010

4. **DRAFT ENVIRONMENTAL REPORT FOR THE WATER CATCHMENT**

Is-Sur Cassar qal li dan ir-rapport jittratta l-impatt ambjentali li dan il-water catchment se jkollu saabiex wiehed ikun jaf x'se jsir u sakemm jigi biex jinbeda x-xoghol.

5. **HRUG TA' TENDER GBIR TA' SKART DOMESTIKU U RICIKLAT**

Is-Sur Pace qal li sa l-ahhar tax-xahar se jkunu hargu hames tenders li huma:
Resurfacing ta' Triq il-Linja, Ganni Portelli, Ghenba, u parti minn Triq B'Kara taht il-PPP.
Gbir ta' Skart Domestiku
Gbir ta' Bulky Refuse
Zamma u manutenzjoni ta' Parks, Gonna u Soft Areas
Tindif u manutenzjoni ta' toroq mhux urbani.

Rigward it-tender tal-Gbir ta' Skart Domestiku is-Segretarju Ezekuttiv iccarat li it-tender inharget fuq 4 t'ijiem bl-eskluzjoni ta' nhar ta' Tlieta, minhabba li f'din il-gurnata jingabar skart riciklat biss u l-ghazla taol-kuntattur qeghda f'idejn Greenpak u nhar ta' Hamis li mhux sa jibda jingabar l-ebda skart.

6. **PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Qal li mar *site* visit Wied is-Sewda fejn tefghu dak il-munzell zibel. Hu qal li l-*Environment section* qalu li mhux talli mhux ha jnaddfu talli ha jibghatu ittra lill-Kunsill u jekk dan ma jitnaddafx jitnaddaf minnhom ghan-nom taghna u jitnaqqas mill-allokazzjoni. Gie suggerit li tintbaghat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet.

- Li gie avvicinat mir-residenti ta' Triq Santa Katerina sabiex issir camera minhabba li s-sitwazzjoni fl-area hi disastruza. Gie maqbul li sa ssir talba ghall-CCTV monitorata mill-Kumitat Kongunt.
- Xoghol in-naha tal-flats.... emfasizza li hemm bzonn li l-area tigi t-tarmakjata ghax hemm dizastru sopra naturali
- Triq Mingel: diga' ta *update*
- Kellu laqgha mal-Perit fuq il-barriera ta' Wied Incita. Il-Perit qed jistenna d-dettalji fuq il-kuntratt tal-barriera.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Triq il-Gibjun sabiex isir xi patching
- Fakkar fuq it-talba ghall-bozza gdida ta' Triq is-Sedqa
- Ghamel talba ghal bin tal-klieb, faccata ta' l-iSptar Monte Carmeli, l-isfel mill-bridge ma' Triq iz-Zir
- Talab ghall-bins tar-riciklagg ghall-hanut...set bins hdejn il-bin l-iswed

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Qal li bghat e-mail fuq il-Works Co-ordinator ghax ilhom jitkellmu tlett laqghat issa. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hadd ma' bghat il-kummunti tieghu fuq kif ghandha tinhareg il-call. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa zewg opzjonijiet:
  Jew Self employed jew impjegat b'massimu ta' Euro 16,000. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din il-paga tqarrab ghall-skala 12 imma ma kienetx certa jekk din hix permissibli minhabba li l-impjegati tal-Kunsilli Lokali qeghdin biss fuq l-iskali 15, 13 u 11
  Is-Sur Cassar qal li ghalih huwa dizuman li jigi mpjegat bniedem bla leave, sick etc. Ghalih dawn imorru kontra drittijiet ta' l-impjegat. Ghalhekk gie deciz li tohrog il-Call for application (internal - Skala 12 u taghlaq fis-7 ta' Dec).

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Talab sabiex fi Triq l-Istwiel issir il-bankina.
- Titkompla l-bankina Triq in-Nutar Zarb
- Saqsa fuq Gnien Hla Warda. Is-Sur Cordina qallu li saru l-alterations u llum stess kellhom imexxu l-MEPA
- Isir kuntatt ma' l-kumpanija li ha tissupplixxi l-LED's. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ga iltaqaghet mieghu u ftehmu ghal hdejn Gnien il-Palma u mhux hdejn is-Santa Lucija.
- Talab biex tinstab bicca art tal-Gvern biex inhawwlu iktar sigar.
- Saqsa jekk sarx infurzar fuq hajt mibni illegalment fi Triq il-Konti R. Barbaro. Is-segretarju Qalet li l-MEPA huma nfurmati.

Is-Sur Alfred Zammit:

- Jistax il-Kunsill jaghmel zewg bankijiet hdejn il-flats tal-Gvern. Dawn se jsiru bhalha parti mill-embellishment propost mill-Awtorita' tad-Djar.
- Talab li jsir zewg u bends Triq il-Mosta ma' Triq A. Durer
- Qal li fi Triq il-Pitkali hemm lampa maqtugha faccata tac-cinizi. Din se tigi rrappurtata.

## 9. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghat-22 ta' Dicembru 2010.

______________________ ______________________

Sindku Data